

It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2008

Aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti *II**

P6_TA(2008)0331

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1576/89, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 u d-Direttiva 2000/13/KE (16677/3/2007 — C6-0139/2008 — 2006/0147(COD))

(2009/C 294 E/37)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (16677/3/2007 — C6-0139/2008) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽²⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0427),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0177/2008),
1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 111 E, 6.5.2008, p. 46.⁽²⁾ Testi Adottati, 10.7.2007, P6_TA(2007)0323.**P6_TC2-COD(2006)0147**

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-8 ta' Lulju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 u r-Regolament (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att leġiżlattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 1334/2008.)